MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2005

Rikors Numru. 1383/2002

**EURL Comptoir Commercial Blideen, socjeta' Algerina rapresentanza mill-mandatarju specjali taghha Dottor Daniel Aquilina.**

**-vs-**

**Dottor Georg Sapiano bhala mandatarju specjali in rappresentanza ta' Bunge Global Markets Spa.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ipprezentat fit-3 ta' Dicembru, 2002 li permezz tieghu r-rikorrenti jesponi riverentement:

1. Illi permezz tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, Mandat ta' Sekwestru Nru. 2090/02 ipprezentat fil-15 t'Ottubru, 2002, is-socjeta' Eurl Comptoir Commercial Blideen (iktar il quddiem imsejjha "Eurl") otteniet il-qbid ta hamest elef u hames mitt tunellata ta' qamhirrun mahzuna gewwa l-Kordin Grain Terminal Co. Ltd.

2. Illi Eurl tibbaza l-kawzali tal-mandat talli s-socjeta' rikorrenti u cioe' l-intimati fil-mandat "skarikaw unilateralment merkanzija aprartenenti lir-rikorrenti *(u cioe' Eurl)* gewwa l-Kordin Grain Terminal" (Dok. A - kopja tal-mandat).

3. Illi dan il-mandat huwa ghal kollox zbaljat fil-konfront ta' l-esponenti ghar-ragunijiet segwenti u l-istess mandat ghandu jigi revokat a bazi tal-artikolu 836(1) (d) u/jew (f) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili:

c) Illi m'hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn Eurl u l-esponenti. Lesponenti kienu t-time charterers tal-vapur m.v. Arosa (Dok. B - charterparty) li gab il-merkanzija hawn Malta u Eurl kienu il-propjetarji fil-pussess ta' zewg poloz tal-kariku ghar-rigward ta' 20,000 mt ta' qamhirrun. Huwa manifestament car illi ma kien hemm l-ebda obligazzjoni kontrattwali bejn Eurl u l-esponenti. Il-bastiment m.v. Arosa huwa propjeta' tas-socjeta' registrata Cipru Tomongo Shipping Co. Ltd.

d) Illi kienu l-istess Eurl li taw il-kunsens taghhom sabiex l-istess merkanzija tigi skarikata hawn Malta gewwa l-Kordin Grain Terminal. Fis-7 t'Ottubru 2002 Eurl ottjeniet il-mandat ta' deskrizzjoni numru 2090/02 u dan sabiex jigi mizmum l-iskarikar tal-istess merkanzija. Izda sussegwentement Eurl lahqu ftehim mal-propjetarji tal-vapur m.v. Arosa u pprezentaw kontro-mandat nru.

2040/02 (Dok. C - kopja tal-kontro-mandat) u b'hekk irralaxxaw huma stess il-merkanzija. Huma ddikjaraw li dan huwa minghajr pregudizzju ghad-drittijiet

taghhom izda l-pregudizzju johrog mill-kunsens tar-rilaxx innifsu u Eurl issa ma tistax izzomm responsabbli lit-time charterers, u cioe' lill-esponenti, talli "unilateralment skarikaw il-merkanzija hawn Malta" meta kienu huma stess li ftehmu mal-proprjetarji tal-vapur m.v. Arosa sabiex jiskarikaw l-istess merkanzija.

c) Illi mingriajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent jirrileva illi l-merkanzija maqbuda bil-mandat ta' sekwestru nru. 2090/02 kienet giet mibjugha mill-esponenti lill-Agrocean SA fl-10 ta' Ottubru, 2002, hamest ijiem qabel il-prezentata tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni, u ghalhekk il-propjetarju tal-merkanzija maqbuda mhijiex l-esponenti izda terza persuna (Ara Dok. D - Kuntratt ta' bejgh; Dok. E -Warehouse receipt, u Dok. F - Prova tal-pagament tal.prezz). Ghaldaqstant il-mandat ta sekwestru ma jregix. Di piu' il-polza tal-kariku in kwistjoni juri freight prepaid u skond il-gurisprudenza taghna wiehied jista' biss jaqbad propjeta' ta' terzi persuni abbord ghall--ammont ta' freight mhux imhallas. Izda dan m'huwiex il-kaz odjern ghaliex il-freight gie mhallas kollu minn qabel.

d) Illi l-esponenti jirnileva wkoll illi l-merkanzija in kwistjoni jigrilha l-hsara biz-zmien ("perishable goods") u ghalhekk permezz tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni, il-merkanzija qed tiddeterjora. Di piu' il-propjetarji tal-merkanzija Agrocean S.A. krew il-vapur mv. Langesund sabiex jiehdu l-merkanzija taghhom izda ma jistghux minhabba l-istess mandat ta' sekwestru. Ghaldaqstant ghandhom dritt ta' rivalsa kontra lesponenti u ghalhekk ghandu jigi mpost fuq Eurl, li hija socjeta' algerina u li m'ghandhiex assi f'Malta, l-obbligu li taghti garanzija lill--esponenti fiz-zmien qasir impost minn din l-

Onorabbli Qorti ghad-danni li s-socjeta' esponenti gja' soffriet, qed issofri u tista' ssofri bl-istess mandat ta' sekwestru u fin-nuqqas li Eurl taghmel dan jigi revokat l--istess mandat. Il-garanzija ghandha tkun fl-ammont ta disa' mitt elf dollari amerikani (US$900,000), mahduma kit

gej: (i) rata kontrattwali tal-hazna til-Kordin Grain Terminal, u cioe' ta' USD0.35 ghal kull metric tonne kuljum, (ii) deadfreight bazat tuq freight rate ta' US$15 per metric tonne, (iii) demurrage tal-vapur mv. Langesund mikri millpropjetarji tal-merkanzija Agrocean SA, (iv) claim ta' Agrocean SA kontra l-esponenti sabiex isibu menkanzija alternativa li tista' tqum madwar US$130 per metric tonne, kif ukoll spejjez legali rigward eventwali arbitragg f'Londra nigward l-istess claim, (v) spejjez u imghaxijiet legali.

5. Illi a bazi tal-premess l-esponenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrevoka il-Mandat ta' Sekwestru Numnu 2090/02 a bazi tal-artikolu 836 (1) (d) u /jew (f) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proceduna Civili, u fkaz li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha mod iehor, l-esponenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex timponi fuq is-socjeta' Eurl Comptoir Commercial Blideen l-obbligu li taghti lill-esponenti garanzija bankarja fi zmien qasir li joghgobha tordna din l-Ononabbli Qorti fl-ammont ta disa' mitt elf dollaru amerikan (USD900,000) sabiex taghmel tajjeb ghad-danni gia sofferti, qed issosfri u tista' ssofri s-socjeta' esponenti permezz ta' l-istess mandat u fin-nuqqas li Eurl Comptoir Commercial Blideen taghmel dan jigi revokat l-istess mandat.

Rat ir-risposta ta' EURL Comptoir Commercial Blideenipprezentata fid-9 ta' Dicembru, 2002.

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Ottubru, 2005 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati trattaw ir-rikors.

Ikkunsidrat.

Illi l-rikorrenti qed jitolbu r-revoka tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju illi nhareg fuq talba tal-intimati li jgib in-numru 2089/02 ai termini tal-Artikolu 836 (1) (d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Qed jitolbu ukoll li jekk il-Qorti ma thossx li ghandha taghmel dan ghandha timponi fuq l-intimati l-obligazzjoni li jiddepositaw garanzija bankarja ghall-ammont ta’ disa mitt elf Dollaru Amerikan (USD900,000).

Is-sub-artikoli ndikat mir-rikorrenti isemmu fost ir-ragunijiet li jiggustifikaw it-tnehhija tal-mandat;

*(d) jekk jintwera illi l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat*

*(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minn m’huwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli*.

Ir-rikors promotur jindika tlett ragunijiet ghaliex ir-rikorrenti qed jaghmlu t-talba; li ma hemmx relazzjoni kontrattwali bejn il-partijet, li kienu l-istess EURL li taw il-kunsens biex il-merkanzija tigi skarikata Malta u li l-merkanzija in kwistjoni kienet inbieghet ftit granet qabel ma gie ntavolat ir-rikors fejn intalab il-hrug tal-mandat.

Fir-rigward ta’ l-ewwel kawzali l-partijiet jaqblu illi ma kienx hemm relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet izda s-socjeta’ intimata ghamlitha cara illi hija m’hijiex tibbaza t-talba taghha fuq relazzjoni kuntrattwali izda fuq l-azzjoni akwiljana. Ghalhekk l-argumenti kollha mressqa mir-rikorrenti fuq dan il-

punt huma ndirizzati lejn avversarju inesistenti ghaliex m’humiex kwindi rilevanti ghall vertenza.

Fir-rigward tal-kwistjonijiet l-ohra, il-Qorti trid taghmilha cara illi hija b’ebda mod ma ghandha tidhol fil-fond tal-

vertenza ghaliex kif irritenew diversi drabi l-Qrati taghna l-procedura mahsuba fl-Artikolu 836 ghandha tkun wahda sommarja u l-ezami taghha ghandu jkun biss ta' *prima facie.* Dan qalitu din il-Qorti fil-kawza Camilleri vs Gove et deciza fl-10 ta' Mejju, 2001; *mid-disposizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-uniku ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan ghaliex il-mertu kollu jigi investigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja* (ara ukoll is-sentenza fil-kawza Emanuel Sammut vs Josephine Sammut decciza fil-5 ta' Gunju, 2003).

Ghalhekk il-Qorti trid tara jekk *prima facie* jezistux ragunijet, dejjem skond is-sub-artikoli msemmija mir-rikorrenti, biex il-mandat jigi revokat, parzjalment jew *in toto.* Il-Qorti thoss, bir-rispett kollu illi l-lanjanzi mressqa mir-rikorrenti huma wisq relatati mal-gherq tal-kwistjoni biex din il-Qorti tidhol fihom – kif ikun indubbjament misthoqq li jsir fil-kawza. L-intimati qed jitolbu danni a bazi tal-azzjoni akwiljana u l-argumenti mressqa mir-rikorrenti huma marbuta wisq mall-fatti kif graw biex din il-Qorti tiddeciedi minghajr ma tkun efettivament iddecidiet fuq il-mertu – haga li trid taghmilha biss wara li tisma' provi kollha. Dan ma jfissirx li xi hadd jista' jaqbad u jaghmel il-mandati bl-addocc u ghalhekk sar l-Artikolu 836 imsemmi. Infatti qabel gie *in vigore* dan l-artikolu d-debitur jew l-allegat debitur kien ikollu jiftah kawza *ad hoc.* Kien appuntu ghalhekk li l-procedura addottata mill-Artikolu 836 kienet ir-rikors – biex tiddistingwi l-procedura minn wahda istitwita b'citazzjoni li tkun allura l-kawza dwar il-mertu.

Ir-rikorrenti esebew affidavit tal-Avukata Payiatiki a fol 98 tal-process illi tikkostitwixxi l-prova teknika li billi skond il-ftehim bejn il-partijiet in kwistjoni (mhux il-partijiet tal-kawza) kellha tapplika l-ligi Ingliza, dan ifisser li billi skond il-ligi Ingliza *a seller, having shipped his goods in*

*accordance with the contract fulfils his part of the bargain by tendering to the buyer the proper shipping obligations. If the seller performs his duties he is not concerned with what happens to the goods in transit or at destination. The buyer's remedies in respect of the goods to arrive at destination or any delays/problems at discharge rise against the carrier or the underwriter not against the seller.* Bir-rispett kollu anke dan jipprexxindi t-talba tal-intimati fil-kawza fuq il-mertu ghaliex l-opinjoni legali in kwistjoni tittratta dejjem dwar l-obligazzjonijiet naxxenti mill-kuntratt u mhux dwar it-talba ghad-danni minhabba *culpa aquiliana.*

Fir-rigward tal-allegazzjoni li kien hemm kunsens dwar l-iskarikar tal-merkanzija dan huwa kontestat mill-intimati u ghalhekk f'dan l-istadju tibqa' allegazzjoni ghax il-Qorti ma tistax tidhol daqshekk fil-mertu.

Kwantu ghal-ligi applikabbli dan hu punt kontestat bejn il-partijiet ghaliex ir-rikorrenti jsostnu illi meta l-Qorti tapplika l-ligi Ingliza ghandha tapplikaha anke bir-regoli tad-dritt internazzjonali privat taghha. Dan l-argument pero' ma jsibx sostenn legali la fil-ligi Ingliza stess u wisq inqas f'dik nostrana. Infatti kif sewwa rrimarkaw l-intimati, id-duttrina hekk imsejjha *renvoi* ma tapplikax fil-ligi Ingliza u dan gie stabbilit bl-iktar mod car fil-gurisprudenza u anke fid-duttrina (ara Dicey u Cheshire), u Malta dejjem segwejna l-ligi Ingliza fir-rigward. Ghalhekk bil-fors wiehed irid jezamina jekk il-kuntratt ta' bejgh kienx sehh skond il-ligi Ingliza biex jiddetermina ta' min kienet il-merkanzija meta nqabdet bil-mandat. Ghalhekk ir-rikorrenti naqsu milli jgibu l-prova illi *prima facie* hemm lok ghat-tnehhija tal-mandat skond l-Artikolu 836. Barra minn dan tali lanjanza setghet titqajjem mix-xerrejja permezz ta' procedura ohra.

Tibqa' allura l-kwistjoni ta' jekk il-Qorti ghandhiex tordna lill-intimati jgibu xi forma ta' garanzija. Ir-rikorrenti qed jitolbu garanzija ta' kwazi miljun dollaru ($1,000,000) (fir-rikors promotur) biex jaghmlu tajjeb ghad-danni li jistghu isofru. Fin-nota tal-osservazzjonijiet din it-talba giet ridotta

ghal tlett mija u hamsin elf dollaru ($350,000). Il-fatt li saret il-kontro-talba, *per se* ma jfissirx illi l-Qorti ghandha awtomatikament tordna l-garanzija izda din ghandha tigi mposta jekk, dejjem *prima facie*, ikun jidher illi <u>minhabba l-mandat</u> ir-rikorrenti ossija l-persuna li kontra taghha ikun inhareg il-mandat, tista' ssofri danni. Huwa car mid-deposizzjoni tal-imsemmija Avukat Payiataki a fol 103 illi d-danni reklamati (li skond ix-xhud jammontaw ghal cirka mitejn u sitta u ghoxrin elf dollaru {$226,000}) jikkonsistu fit-talbiet li qed isriu mix-xerrejja tal-merkanzija (socjeta' ohra estera jisimha Agrocean) fil-konfront tar-rikorrenti fi proceduri ta' arbitragg li qed isiru Londra. Dawn jinkludu hlas ghad-dewmien (*demurrage*), spejjes ta' magazzinag u tnaqqis fil-valur tal-merkanzija. Dan gara ghaliex il-merkanzija giet rilaxxata cirka xahrejn wara l-hrug tal-mandat in kwistjoni meta allura r-rikorrenti pproducew garanzija.

Ghal darb'ohra l-Qorti jkollha tirrimarka illi ma tistax tidhol fil-fond tal-kwistjoni minghajr ma tesprimi ruhha fuq il-mertu u ghalhekk f'dan l-istadju tirrimarka biss illi l-possibilta' li r-rikorrenti isofru danni hija hemm madankollu l-Qorti lanqas tista' taqbad u tiddeciedi a bazi ta' talba li qed issir minn terz u liema talba hija pendenti. Ghalhekk fl-istess hin lanqas ma jkun gust li l-intimati jigu mgieghla jhallu garanzija qawwija b'mod li t-talba taghhom tigi newtralizzata b'dan il-mod minghajr ma l-Qorti jkollha possibilta' tezamina l-istess talba. Ghal dawn il-mottivi fil-waqt li l-Qorti ser timponi garanzija ser taghmel dan f'mizura pjuttost modesta biex fil-waqt li tipprotegi r-rikorrenti minn proceduri li skond huma jikkostitwixxu vessazzjoni, fl-istess hin tipprotegi l-intimati milli jkollhom icedu l-proceduri semplicement ghax ikollhom l-obligu li jhallu garanzija qawwija.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti fil-waqt li tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti (hlief ghal dak li gej) tordna lill-intimati EURL Comptoir Blideen biex tiddeposita fi zmien tlett xhur is-somma ta' elfejn Lira Maltin**

**(Lm2,000) ai termini ta' l-imsemmi Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**L-ispejjes ta' din l-istanza jkunu bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------